IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 23.11.2011
KUMM(2011) 781 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2010, tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 300/76, kif l-aħħar emendat bir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar ix-xogħol bix-xift), Nru 495/77, kif l-aħħar emendat bir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), u Nru 858/2004 (dwar kondizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli)

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2010, tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 300/76, kif l-aħħar emendat bir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar ix-xogħol bix-xift), Nru 495/77, kif l-aħħar emendat bir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), u Nru 858/2004 (dwar kondizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli)

1. Introduzzjoni

Ir-Regolamenti tal-Kunsill dwar ix-xogħol standby (Nru 495/77) u dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli (Nru 858/2004) jobbligaw lill-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Kunsill b'mod regolari, dwar l-għadd ta' uffiċjali u aġenti oħrajn f'kull kategorija li qed jirċievu l-benefiċċji msemmija fir-Regolamenti kkonċernati kif ukoll dwar in-nefqa totali relatata magħhom.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq iċ-ċifri annwali kompluti l-aktar reċenti, li kienu disponibbli fi żmien it-tħejjija tiegħu u għalhekk jirreferi għas-sena 2010. Huwa jkopri l-istituzzjonijiet kollha u jinkludi wkoll, għall-finijiet ta' kompletezza, informazzjoni simili dwar l-użu tax-xogħol bix-xift (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76).

2. Benefiċċju għax-xogħol bix-xift

Il-bażijiet legali għal dan il-benefiċċju huma l-Artikolu 56a tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1873/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006.

Il-ħlas tal-benefiċċju hu limitat għall-uffiċjali u għall-aġenti l-oħra,

li jitħallsu mill-*approprjazzjonijiet għar-riċerka* u mħaddma:

- fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC), jew
- f'azzjonijiet indiretti, jew

li jitħallsu mill-*approprjazzjonijiet amministrattivi* u mħaddma:

- f'dipartiment tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT),
- f'dipartiment tas-sigurtà,
- f'servizz ta' swiċċbord tat-telefon/ta' informazzjoni jew f'Reception,
- f'dipartiment li jipprovdi sostenn għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)/Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fi kriżijiet, jew
- fit-tmexxija jew fis-superviżjoni ta' installazzjonijiet tekniċi.

Hemm erba' rati differenti previsti għall-benefiċċju ta' kull xahar (ċifri li jikkonċernaw is-sena 2010):

- rata 1: xogħol b'żewġ xiftijiet, minbarra fi tmiem il-ġimgħa: EUR 382,17
- rata 2: xogħol b'żewġ xiftijiet, inklużi l-iljieli u fi tmiem il-ġimgħa: EUR 576,84

– rata 3: 24 siegħa kuljum, minbarra fi tmiem il-ġimgħa: EUR 630,69
– rata 4: 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa: EUR 859,84

Iċ-ċifri li ġejjin jindikaw l-għadd ta' benefiċċji mogħtija minn kull istituzzjoni għas-sena 2010.

2.1. L-għadd ta' benefiċjarji skont ir-rata:

Istituzzjoni	Rata 1	Rata 2	Rata 3	Rata 4	Total
	382,17	576,84	630,69	859,84	
Il-Kummissjoni	20	29	8	57	**114**
- li minnhom tal-JRC:	*0*	*29*	*8*	*22*	*59*
Il-Kunsill	60	0	0	46	**106**
Il-Parlament	23	0	0	0	**23**
Il-Qorti tal-Ġustizzja					
Il-Qorti tal-Awdituri					
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (KESE)					
Il-Kumitat tar-Reġjuni (KtR)					
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (KEPD)					
L-Ombudsman					
Total	**103**	**29**	**8**	**103**	**243**

2.2. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali) :

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			GF I	GF II	GF III	GF IV	
Il-Kummissjoni	10	86	14	0	4	0	**114**
- li minnhom tal-JRC:	*9*	*43*	*5*	*0*	*2*	*0*	***59***
Il-Kunsill	0	106	0	0	0	0	**106**
Il-Parlament	0	22	0	1	0	0	**23**
Il-Qorti tal-Ġustizzja							
Il-Qorti tal-Awdituri							
KESE							
KtR							
KEPD							
L-Ombudsman							
Total	**10**	**214**	**14**	**1**	**4**	**0**	**243**

2.3. L-għadd ta’ benefiċjarji skont it-tip ta' impjieg :

Istituzzjoni	JRC	Azzjoniji et indiretti	ICT	Sigurtà	Swiċċbord/Reception	PESK/ PSDK:	Installazzjonijiet tekniċi	Total
Il-Kummissjoni	59	0	9	26	7	0	13	**114**
- li minnhom tal-JRC:	*59*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***59***
Il-Kunsill	0	0	0	82	0	24	0	**106**
Il-Parlament	0	0	0	0	23	0	0	**23**
Il-Qorti tal-Ġustizzja								
Il-Qorti tal-Awdituri								
KESE								
KtR								
KEPD								
L-Ombudsman								
Total	**59**	**0**	**9**	**108**	**30**	**24**	**13**	**243**

3. Benefiċċju għax-xogħol standby

Il-bażijiet legali għal dan il-benefiċċju huma l-Artikoli 55 u 56b tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 495/77 tat-8 ta’ Marzu 1977, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1945/2006 tal-11 ta’ Diċembru 2006.

Il-ħlas tal-benefiċċju hu limitat għall-uffiċjali u għall-aġenti l-oħra,

li jitħallsu mill-*approprjazzjonijiet għar-riċerka* u mħaddma :

- fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC), jew
- f’azzjonijiet indiretti, jew

li jitħallsu mill-*approprjazzjonijiet amministrattivi* u mħaddma :

- fit-tmexxija jew fis-superviżjoni ta' installazzjonijiet tekniċi,
- f'dipartiment tas-sigurtà,
- f’dipartiment tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT),
- f’dipartiment li jipprovdi sostenn għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)/Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fi kriżijiet, jew
- fil-qafas ta' arranġament maħluq biex jipprovdi l-għajnuna lill-Istati Membri 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa ("SM 24/7").

Il-benefiċċju għax-xogħol standby huwa espress permezz ta' punti. L-għadd ta’ punti mogħtija għal kull siegħa ta’ xogħol standby effettivament maħduma huwa stabbilit kif ġej:

- xogħol standby mid-dar, f'jum tax-xogħol: 2,15-il punt.
- xogħol standby mid-dar, fi tmiem il-ġimgħa: 4,3 punti.
- xogħol standby fuq il-post tax-xogħol, f'jum tax-xogħol: 11-il punt.
- xogħol standby fuq il-post tax-xogħol, fi tmiem il-ġimgħa: 22 punt.

Kull punt jiswa daqs għal 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri Eur 0,85 fl-2010).

3.1. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' xogħol standby :

Istituzzjoni	Xogħol mid-dar	Xogħol mid-dar u fuq il-post tax-xogħol	Fuq il-post tax-xogħol	Total
Il-Kummissjoni	214	125	34	**373**
- li minnhom tal-JRC:	*175*	*15*	*34*	***224***
Il-Kunsill	76	0	0	**76**
Il-Parlament				
Il-Qorti tal-Ġustizzja				
Il-Qorti tal-Awdituri	2	0	2	**4**
KESE				
KtR				
KEPD				
L-Ombudsman				
Total	**292**	**125**	**36**	**453**

3.2. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali) :

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			GF I	GF II	GF III	GF IV	
Il-Kummissjoni	116	221	25	2	4	5	**373**
- li minnhom tal-JRC:	*73*	*124*	*20*	*1*	*1*	*5*	***224***
Il-Kunsill	17	57	2	0	0	0	**76**
Il-Parlament							
Il-Qorti tal-Ġustizzja							
Il-Qorti tal-Awdituri	1	3	0	0	0	0	**4**
KESE							
KtR							
KEPD							
L-Ombudsman							
Total	**134**	**281**	**27**	**2**	**4**	**5**	**453**

3.3. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' impjieg :

Istituzzjoni	JRC	Azzjonijiet indiretti	Installazzjonijiet tekniċi	Sigurtà	ICT	PESK/ PSDK	SM 24/7	Total
Il-Kummissjoni	224		17	38	56		38	**373**
- li minnhom tal-JRC:	*224*							*224*
Il-Kunsill			26	17		33		**76**
Il-Parlament								
Il-Qorti tal-Ġustizzja								
Il-Qorti tal-Awdituri					4			**4**
KESE								
KtR								
KEPD								
L-Ombudsman								
Total	**224**	**0**	**43**	**55**	**60**	**33**	**38**	**453**

4. Benefiċċju li jingħata minħabba kondizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli

Il-bażijiet legali għal dan il-benefiċċju huma l-Artikolu 56c tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004 tad-29 ta' April 2004, li ħa post ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1799/72.

Il-benefiċċju li jingħata minħabba kondizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli hu espress permezz ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol effettivament maħduma u jiddependi minn diversi kondizzjonijiet partikolari tax-xogħol li għandhom x'jaqsmu mal-"protezzjoni tal-individwu", il-"post tax-xogħol" u n-"natura tax-xogħol". L-għadd ta' punti jvarja bejn 2 punti, pereżempju għal-livell medju ta' ħoss li ma jeċċediex il-85 deċibali, u l-limitu massimu ta' 50 punt fil-każ ta' uffiċjal li jrid jilbes ilbies protettiv għal kontra n-nar b'apparat awtorespiratorju. Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri Eur 0,85 fl-2010).

Istituzzjoni	AD	AST	Aġenti Kuntrattwali				Total
			GF I	GF II	GF III	GF IV	
Il-Kummissjoni	31	174	8	1	18	0	**232**
- li minnhom tal-JRC:	*31*	*166*	*1*	*1*	*18*	*0*	***217***
Il-Kunsill							
Il-Parlament							
Il-Qorti tal-Ġustizzja							
Il-Qorti tal-Awdituri							
KESE							
KtR							
KEPD							
L-Ombudsman							
Total	**31**	**174**	**8**	**1**	**18**	**0**	**232**

5. Is-servizzi kkonċernati u r-raġunijiet

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ilhom jagħmlu użu minn dan it-tip ta' kondizzjonijiet tax-xogħol partikolari u jħallsu l-benefiċċji li jikkorrespondu magħhom għal diversi snin. Skont l-informazzjoni rċevuta din is-sena, il-Qorti tal-Awdituri introduċiet is-sistema ta' xogħol standby fl-2010. Sa issa, il-Kummissjoni biss qed tuża l-benefiċċju li jingħata minħabba kondizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli, fil-JRC u fl-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (OIB).

5.1. Ir-raġunijiet għall-użu tax-xogħol bix-xift

Il-Kummissjoni : Fi ħdan il-Kummissjoni, għal raġunijiet prinċipalment tekniċi, il-JRC huwa dak illi l-aktar jeħtieġ din it-tip ta’ organizzazzjoni tax-xogħol (59 persuna elenkati minn total ta’ 114 fl-2010).

Fl-2010, fid-Direttorati Ġenerali l-oħrajn (il-baġit operattiv), kien hemm 55 persuna li kienu jaħdmu bix-xift, fit-tipi ta' servizzi li ġejjin:

- Sigurtà u prevenzjoni: 26
- Installazzjonijiet tekniċi: 13
- Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT): 9
- Servizzi telefoniċi/Reception: 7

Fil-Kummissjoni, jiġu applikati l-erba’ rati (tipi ta’ benefiċċji), b’mod partikolari r-rati 2 u 4, fejn din tal-aħħar (tax-xogħol bix-xift) tintuża prinċipalment f'dipartiment tas-sigurtà.

Il-Kunsill : Għas-sena 2010, l-għadd ta' benefiċċji mogħtija għas-servizz bix-xift fil-Kunsill huwa ta' 106. Dan il-benefiċċju jintuża biss fl-oqsma tas-sigurtà u l-prevenzjoni u tal-PESK/PSDK. It-tipi ta’ xogħol bix-xift użati huma bbażati jew fuq sistema ta’ żewġ xiftijiet (rata 1) jew fuq servizz kontinwu ta’ 24 siegħa kuljum (rata 4).

Il-Parlament Ewropew : Il-Parlament Ewropew ilu juża x-xogħol bix-xift mill-2008. L-għadd ta' benefiċċji mogħtija għax-xogħol bix-xift fil-Parlament Ewropew jammonta għal 23 għas-sena 2010. Dan il-benefiċċju huwa użat biss fil-qasam tas-servizzi telefoniċi/Reception. It-tip ta' xogħol bix-xift użat huwa bbażat fuq sistema ta' żewġ xiftijiet (rata 1).

5.2. Ir-raġunijiet għall-użu tax-xogħol standby

Il-Kummissjoni : Fl-2010, il-Kummissjoni ħallset il-benefiċċji għax-xogħol standby lil 373 membru tal-persunal tagħha, li madwar 60 % (224) minnhom kienu impjegati f'wieħed miċ-ċentri għar-riċerka.

Ir-raġunijiet għax-xogħol standby jibqgħu -bħal fis-snin preċedenti- relatati ġeneralment mal-qasam tas-sigurtà u l-protezzjoni li jkopri mis-servizz tat-tifi tan-nar sal-monitoraġġ tar-radjazzjoni inkluża l-protezzjoni mir-radjazzjoni, kif ukoll ma' xi servizzi tekniċi. Fil-JRC, il-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' xogħol standby isir mid-dar, minbarra dak ta' Ispra u ta' Karlsruhe, fejn is-servizzi jistgħu jitwettqu jew minn fuq il-post tax-xogħol, jew mid-dar u kif ukoll minn fuq il-post tax-xogħol.

Fid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni l-oħrajn, ix-xogħol standby huwa b'mod partikolari relatat mas-sigurtà, mal-installazzjonijiet tekniċi u mas-servizzi tal-informatika kif ukoll mal-għajnuna lill-Istati Membri. Meta wieħed iqabbel mas-sena 2009, isib li kien hemm żieda sinifikanti fl-ammont ta' servizzi ta' xogħol standby fil-qasam tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) filwaqt li kien hemm tnaqqis fil-qasam tas-sigurtà kif ukoll fil-JRC. B'mod ġenerali, is-servizzi kollha ta' xogħol standby baqgħu stabbli.

Il-Kunsill : Fl-2010, il-Kunsill ħallas il-benefiċċji għax-xogħol standby lil 76 membru tal-persunal tiegħu. Dawn il-persuni ġew inkarigati mit-tmexxija u mis-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi, fis-servizzi ta' sigurtà u f'dipartimenti li jipprovdu sostenn għall-PESK/PSDK. Dan ix-xogħol ta' standby kien jitwettaq biss mid-dar.

Il-Qorti tal-Awdituri : Fl-2010, il-Qorti tal-Awdituri ħolqot servizz ta' xogħol standby marbut mat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT).

5.3. Ir-raġunijiet għall-użu tal-benefiċċju li jingħata minħabba kondizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli

Il-Kummissjoni *:* Il-Kummissjoni hija l-unika istituzzjoni li għamlet użu minn din il-possibbiltà fl-2010. Fl-2008, l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (OIB) kien introduċa din il-possibbiltà f'wieħed mis-servizzi tiegħu (id-dipartiment tar-riproduzzjoni), minbarra ċ-Ċentru Komuni għar-Riċerka li kien qed jużaha diġà.

Fir-rigward tal-kriterji li jiddefinixxu l-kondizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli, kull waħda mit-tliet kategoriji previsti mir-Regolament għall-għoti tal-benefiċċju kienet applikabbli, jiġifieri :

a) il-protezzjoni tal-individwu (pereżempju, l-użu ta' ħwejjeġ speċjali u skomdi meħtieġa għall-protezzjoni ta' dak li jkun),
b) il-post tax-xogħol (pereżempju, ħsejjes ta' livelli għolja, postijiet perikoluži), u
c) in-natura tax-xogħol (pereżempju, il-ġarr ta' sustanzi korruživi).

Fl-2010, l-għadd totali ta' sigħat maħduma f'dawn il-kondizzjonijiet ġew imqassma kif ġej:

63.129 siegħa relatati mal-kriterju tal-protezzjoni tal-individwu,

128.204 siegħa relatati mal-kriterju tal-post tax-xogħol, u
19.724 siegħa relatati mal-kriterju tan-natura tax-xogħol.

6. In-nefqa tal-baġit, skont l-istituzzjoni u skont il-benefiċċju (f'EUR)

Istituzzjoni	Xogħol bix-xift	Xogħol standby	Kondizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli	Total
Il-Kummissjoni	738.206,78	1.727.377,36	586.841,02	**3.052.425,16**
- li minnhom tal-JRC:	*295.513,01*	*676.593,16*	*555.738,93*	***1.527.845,10***
Il-Kunsill	694.513,03	174.440,03		**868.953,06**
Il-Parlament	97.242,76			**97.242,76**
Il-Qorti tal-Ġustizzja				
Il-Qorti tal-Awdituri		497,75		
KESE				
KtR				
KEPD				
L-Ombudsman				
Total	**1.529.962,57**	**1.902.315,14**	**586.841,02**	**4.019.118,73**

In-nefqa totali, jiġifieri l-ammont li ntnefaq fuq it-tliet benefiċċji mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha f'daqqa, tammonta għal ftit iktar minn EUR 4 miljun għas-sena 2010.